TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 521/11/GZ

**Kevin Paul Ellul**

**vs**

**Raymond Grech – Homestyle Malta**

Illum 1 ta' Awwissu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Dicembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab illi ma jhallasx l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00), rapprezentanti l-bilanc fuq ammont ikbar li kien ghadu dovut lis-socjeta' ntimata, u dana in vista ta' tliet (3) bicciet ta' ghamara li kienu gew ikkonsejati lir-rikorrent diga' ddanneggjati.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba (referenza qed issir ghal Regola 4.1 tal-L.S. 378.01, *in vista tal-fatt illi t-terminu ta' tmintax (18)-il gurnata* kien skada meta r-risposta tas-socjeta' ntimata fil-fatt giet ipprezentata, u ghalhekk it-Tribunal m'huwiex qed jiehu konjizzjoni taghha), u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent ssottometta bil-miktub illi:-**

F'Jannar 2009, huwa kien ordna tliet (3) bicciet ta' ghamara minghand is-socjeta' ntimata. Dawn it-tliet (3) bicciet ta' ghamara kollha gew ikkonsenjati f'Gunju 2009, u kollha kienu ddanneggjati. Ir-rikorrent kien accettahom biss, ghaliex certu, Marlon, li huwa t-tifel ta' l-intimat, kien ippromettielu illi l-partijiet li kienu ddanneggejati kienu ser jigu mibdula.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888

L-intimat kien baghat il-haddiema tieghu f'xi okkazzjonijiet sabiex jaghmlu ix-xoghol ta' tiswja fuq l-ghamara ddanneggjata.

F'Settembru 2009, ir-rikorrent kien hallas parti mill-pagament dovut lill-intimat, u kien halla bilanc ta' sitt mitt Ewro (€600.00).

Ghaddew sentejn u wara diversi telefonati u xi xogholijiet zghar ta' tiswija fuq grif, f'Lulju 2011, il-haddiema tas-socjeta' ntimata regghu marru biex jaghmlu x-xogholijiet ta' tiswija, fejn hadu l-partijiet iddanneggjati maghhom. Wara xahrejn, dawn il-haddiema regghu hadu dawn il-partijiet lura lir-rikorrent, li suppost kienu saru xogholijiet ta' tiswija fuqhom, pero' il-hsara originali kienet ghada evidenti.

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat b'dan in-nuqqas ta' servizz, u dana partikolarment minhabba l-fatt illi wara sentejn huwa ghad ghandu fil-pussess tieghu ghamara ddanneggjata. Illi a bazi ta' dan kollu, huwa ma jridx ihallas il-bilanc li ghad hemm pendenti u dovut lill-intimat, fl-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00).

Ir-rikorrent ezebixxa l-kont datat 9 ta' Jannar 2009 u mahrug mis-socjeta' ntimata fl-ammont totali ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500.00), fejn hemm indikat illi apparti d-depozitu, ir-rikorrent kien ukoll hallas l-ammont ta' elf u disgha mitt Ewro (€1,900.00) fil-5 ta' Settembru 2009.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jghid ukoll illi meta l-ghamara giet suppost imsewwija, il-partijiet illi kienu ddanneggjati baqghu l-istess. Apparti minn dan, il-hgieg li suppost inbidel kien baqa' ma nbidilix, u l-istess ghal xi bozoz li kienu mkissrin. Il-haddiema tas-socjeta' ntimata kienu marru jirtokkjaw b'xi zebgha fuq l-ghamara, pero' l-hsara dejjem baqghet tidher.

Ir-rikorrent ezebixxa sett ta' ritratti li gew immarkati bhala Dok.KP1, Dok.KP2, Dok.KP3 u Dok.KP4, liema ritratti juru l-istat tal-hsara ta' l-ghamara in kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrent konsumatur, billi ma jistax ikun li oggett jittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta u xorta jibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. It-Tribunal, pero' jinnota wkoll illi r-rikorrent kien accetta l-ghamara ddanneggjata meta kienet giet ikkonsenjat lilu, u li ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-fatt illi s-socjeta' ntimata kienet rabtet lilha nnifisha illi ssewwi l-hsara. Illi ghalhekk it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent in parte u jordna li r-rikorrent ihallas biss l-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300.00) lis-socjeta' ntimata, u cioe' mhux l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00) li ghad hemm pendenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**